

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' April 2015 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawżi magħquda C-317/13 u C-679/13) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Issuġġettar ta' sustanza psikoattiva ġdida għal miżuri ta' kontroll — Determinazzjoni tal-bażi legali — Qafas legali applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona — Dispożizzjonijiet tranżitorji — Bażi legali sekondarja — Konsultazzjoni tal-Parlament)

(2015/C 198/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: F. Drexler, A. Caiola u M. Pencheva, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Pleśniak u A. F. Jensen, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent)

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/129/UE, tas-7 ta' Marzu 2013, li tissottoponi lill-4-metilamfetamina għal miżuri ta' kontroll, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/496/UE, tas-7 ta' Ottubru 2013, dwar l-issuġġettar ta' 5-(2-aminopropil) indol għal miżuri ta' kontroll, huma annullati.
- 2) L-effetti tad-Deċiżjoni 2013/129 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/496 huma miżmuma sakemm jidħlu fis-seħħ atti ġodda intiżi li jissostitwixxuhom.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 4) Ir-Repubblika tal-Awstrija għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 226, 03.08.2013.
ĠU C 52, 22.02.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' April 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – proċedura ppreżentata minn Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság

(Kawża C-388/13) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2005/29/KE — Prattiki kummerċjali żleali — Informazzjoni żbaljata li tingħata minn impriża tat-telekomunikazzjonijiet lil abbonat li tikkawżalu spejjeż addizzjonali — Klassifikazzjoni ta' "prattika kummerċjali qarrieqa")

(2015/C 198/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kúria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság

Fil-preżenza ta': László Imre Szabó